22002D0156

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 156/2002

tas-6 ta' Diċembru 2002

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim taż- Żona Ekonomika Ewropea, hekk kif emendat mill-Protokoll li jirranġa l-Ftehim taż- Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I mal-Ftehim kien emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż- ŻEE Nru. 114/2002 tas-27 ta' Settembru 2002 ([1]).

(2) Id- Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/714/KE tas-7 ta' Novembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni 97/778/KE u li taġġorna l-lista ta' posti ta' l-inspezzjoni tal-fruntieri li huma approvati għall-kontroll veterinarju ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Din id- Deċiżjoni ma tapplikax għall-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 39 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/778/KE) fil-Parti 1.2 tal-Kapitolu 1 ta' l-Anness 1 mal-Ftehim:

"– **32000 D 0714**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/714/KE tas-7 ta' Novembru 2000 (ĠU L 290, tas-17.11.2000, p. 38)."

Artikolu 2

Il-Deċiżjonijiet 2000/714/KE, bil-miktub, fil-lingwi ta' l-Islanda u tan- Norveġja, li ser ikunu ppublikati fis-Suppliment tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 336, tat-12.12.2002, p. 5.
([2]) ĠU L 290, tas-17.11.2000, p. 38.

Artikolu 3

Din id- Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2002, iżda n- notifikazzjonijiet, taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim, iridu jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż- ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id- Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-sezzjoni taż- ŻEE u fis-Suppliment taż- ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kjartan JÓHANNSSON

(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali indikati.